MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru 921/2004

PULIZIJA
SPETTUR M. CAMILLERI
VS
WALLACE FINO
VICTOR ZAMMIT
OMISSIS
CHRISTOPHER GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Wallace Fino ta’ 36 sena, iben Lawrence u Carmen Mallia, imwieled Tas-Sliema fid-29 ta’ April 1968, residenti 6, Flat 10, Triq Ghar il-Lembi, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 218168(M); Victor Zammit ta’ 55 sena, iben Joseph u Agnes Attard, imwieled B’Kara fis-27 ta’ Settembru 1949, residenti “Aurora” Triq il-Kapella ta’ San Mikiel, Birguma u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 783349(M); Mark Anthony Zammit ta’ 30 sena, iben Victor Zammit u Rose O’Flaherty, imwieled H’Attard

fil-15 ta’ Awissu 1974, residenti Blue Rose, Qrib Sant’Anton, H’Attard u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 433974(M) u ta’ Christopher Gauci ta’ 28 sena, iben Josue’ u Giorgina Xerri, imwieled San Giljan fil-21 ta’ Dicembru 1975, residenti Windsor Towers, Flat 11, Windsor Terrace, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 19776(M)

Illi huma akkuzati talli bhala diretturi tal-kumpanija Price Club Operators Ltd fil-28 ta’ Settembru 2000 u xhur qabel din id-data gewwa is-Swatar, l-Msida ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet mghamulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew mghamula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom seta’ kellhom l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent eletriku jew li bihom setghu waqqfu jew bidlu il-kejl jew marker tal-meter, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata jew ikkommettew serq ta’ kurrent eletriku minn gewwa l-fond mgharuf bhala Price Club, Triq Swatar, Swatar, Msida, bhala detenturi jew il-persuni li f’isimhom ghandhom dan il-fond jew il-persuni li assumew responsabilita’, fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur ta’ aktar minn elf lira Maltin.

U aktar talli fl-istess zmien, jum, lok u cirkostanzi, ghamlu hsara fil-makkinarju jew gumni u fili tal-eletriku, ikkagunaw it-telf ta’ kurrent eletriku u ghamlu jew kissru parti ta’ xi meter tal-eletriku jew sigilli ta’ xi meter tal-eletriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, uzati fil-provista tal-eletriku jew sigilli taghhom.

Akkuzat Christopher Gauci wahdu talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 9 Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. moghtija nhar il-11 ta’ April 1999 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Verbal tat-22 ta’ Dicembru 2006 fejn minhabba l-fatt li Mark Anthony Zammit kien imsiefer il-Prosekuzzjoni tallbet ghas-Separazzjoni tal-Gudizzju.

Rat id-Digriet taghha tat-22 ta’ Dicembru 2006 fejn il-Qorti akkordat is-Separazzjoni tal-Gudizzju u ddiferiet il-kawza kontra Mark Anthony Zammit Sine Die u ordnat il-kontinwazzjoni tal-proceduri fil-konfront tat-tlett imputati l-ohra.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fil-konfront ta’ l-imputati, Wallace Fino, Victor Zammit, Mark Anthony Zammit u Christopher Gauci;

Rat il-Verbal tat-11 ta’ Lulju 2008 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur Stephen Gatt, jirrizulta illi Ufficjal ta’ l-EneMalta, Mario Cassar, wara spezzjoni fuq ‘substation’ vicin tal-Price Club, Swatar, sab sigilli illi ma deherlux li kienu dawk originali ta’ korporazzjoni EneMalta. Illi ghaldaqstant il-Pulizija accedew fil-post ta’ l-investigazzjoni flimkien ma’ l-Assitant Manager Curmi.

Spettur Gatt xhed;

*“Pero’ s-substation kellu access ghalih, il-personell ta’ l-EneMalta u mhux tal-Price Club suppost.”* (ara fol.31)

Instab sigilli iehor wara l-main box illi kien miksi trab. Mitlub jghid kienx hemm sinjali ta’ sgass fuq din is-‘substation’, Spettur Gatt ma setghax jirrispondi. Mistoqsi saritx investigazzjoni dwar il-‘units of consumption’ mal-

vultagg ta' apparat gewwa l-Price Club, Spettur Gatt ikkonferma illi huwa ma kienx involut fl-investigazzjonijiet. (ara fol.32) Qal ukoll illi kellu stima ta' 6932.45 € (ekwivalenti ghal Lm 2,976.10,8), konsum illecitu ta' luce eletrika mahrug minn Silvio Decelis ta' l-EneMalta.

Mario Cassar a fol. 33 xhed illi wara spezzjoni fuq is-'substation' tas-Swatar, Price Club u fil-presenza ta' l-Assistant Operations Manager, Maurice Curmi, Cassar kien innota illi:

*"Kien hemm zewg sigilli fil-bidu li kienu jidru illi ma humiex dawk originali ta' l-EneMalta. Kienu sigilli bluni…"* (ara fol.33)

Illi ghalhekk wara rapport lil Pulizija ssejhet inkjesta u acceda fuq il-post Horace D'Anastasi.

Mario Cassar xhed illi dawn is-sigilli kellhom it-tipa differenti u li n-numru ma kienx 'standard.' Illi, in oltre', kien hemm xi sigilli homor ma' l-arlogg illi wkoll ma kienux ta' l-EneMalta. Cassar xhed illi kien hemm brix mar-registru tal-qari tal-konsum. Ikkonferma x-xhieda tieghu a fol.13 tal-Process Verbal.

In kontro ezami (fol.38) Cassar xhed illi s-'substation' kienet propjeta' ta' l-EneMalta, flimkien ma' l-apparat kontenenti fiha u li l-access ghal tali 'substation' huwa biss minn impjegati ta' l-EneMalta. Ikkonferma, a fol. 39, illi fis-'substation' u fuq il-meters kien hemm ammont konsiderevoli ta' trab. A fol.41, Mario Cassar ikkonferma illi l-access mill-Espert kienet saret fil-presenza tas-sur Curmi u li c-cavetta ghal din is-'substation' tkun qeghdha fl-ufficju ta' dan id-distrett.

Horace D'Anastasi (a fol.42 et seq.) ikkonferma r-relazzjoni tieghu. Xhed li s-sigilli:

*"Ma kienux jihdru l-istess bhas-sigilli ta' l-EneMalta"* (fol.43) U li t-tipa tan-numru fuq dan is-sigill kienet differenti wkoll.

Horace D'Anastasi kkonferma anke li s-sigilli homor ma kienux jidhru bhal dawk ta' l-EneMalta. In kontro ezami pero', l-Espert, Horace D'Anastasi, xhed is-segwenti:

*"Le. Mhux mill-genwini ghal foloz. Minn dawk li jiena nara s-soltu ta' l-EneMalta ghal dawk li rajt, jiena miniex f'posizzjoni li nghid jekk humiex genwini jew foloz, Sinjura Magistrat."* (ara fol.49)

Horace D'Anastasi kkonferma li kien hemm trab fuq il-meters.

Alexander Curmi (a fol.47), Assistant Operations Manager tal-Price Club Limited, Swatar, ikkonferma illi kull meta ssir inspezzjoni mill-Ufficjali ta' l-EneMalta fis-'supermarket' indikat, huwa kien jigi mitlub mill-Ufficjali ta' l-EneMalta sabiex ikun prezenti u hekk kien jaghmel. Illi dakinhar kienet giet mitluba l-presenza tieghu illi kien fetah bic-cavetta apposita' l-Ufficjal ta' l-EneMalta u ghalih kien jidher illi kollox kien sew bis-sigilli b'kollox. Ikkonferma (a fol.49), illi la hu u l-ebda mpjegat tal-Price Club qatt ma kellu cavetta ta' din is-'substation.'

John Tonna, Enginier ma' l-EneMalta, (a fol.68 et seq.) ikkonferma illi s-sigilli fuq il-meters tas-'Supermarket Price Club', Swatar, imqeghda fis-'substation' ma kienux sigilli ta' l-EneMalta. L-Enginier Tonna kkonferma illi dawn il-meters kienu imqeghda go 'substation' u mghammra b'sistema ta' 'double locking' (ara fol.69). Tonna kkonferma illi l-meters in kwistjoni kienu twahhlu fin-1997 u li ma setax jaccedi ghal 'records' ta' inspezzjonijiet li saru minn 1997 sat-2000. L-Enginier John Tonna kkonferma (a fol.71) illi din is-'substation' bhal kull 'substation' ohra f'Malta hija 'substation' ta' l-EneMalta u li ghandhom access ghalihom biss l-impjegati taghha. Qal ukoll illi dawn is-'substations' ma humiex mghammra b' 'security lock.' Ghal rigward tal-brix, l-Enginier Tonna ma kienx f'posizzjoni jghid meta sar dan il-brix:

*"Seta' kien ilu gurnata, seta' kien ilu snin."* (ara fol.75).

Alex Curmi, in kontro ezami, kien ikkonferma illi dawn l-inspezzjonijiet li saru fi Swatar kienu saru fuq is-‘Supermarkets’ kollha tal-‘Price Club’ u li kienu bdew bil-‘Price Club’ ta’ Burmarrad. A fol.78, Enginier Tonna kien ikkonferma x-xhieda tieghu fl-inkjesta.

Dr. Carmel Chircop (fol.79) ikkonferma illi matul l-investigazzjoni tal-Pulizija, huwa kien qad barra sakemm ghamlu l-hidma taghhom il-Pulizija u l-Esperti tal-Qorti.

Alan Chetchuti (a fol.82 et seq.) ezebixxa stima Dok.AC1 sa Dok.AC4 ta’ 56,645.70 € (ekwivalenti ghal Lm 24,318) u spjega a fol.82, il-manjiera li biha wasal ghal stima ta’ l-ammont fuq indikat. Alan Chetchuti, mistoqsi jekk kienx konxju tal-fatt li l-‘Price Club’ ghalaq f’Settembru 2001, ma setax jirrispondi.

Spettur Stephen Gatt (a fol.100) ezebixxa sentenza Dok.SGZ u gharaf lill-imputat Gauci li ghaliha tirreferi s-sentenza.

Maggur John Micallef (a fol.103) ikkonferma l-prezenza tieghu waqt l-access fis-‘substation’ ta’ l-EneMalta, hdejn il-‘Price Club’, Swatar. Maggur John Micallef ezebixxa l-okkorrenza Dok.M u kkonferma illi a tempo vergine, Assitant Manager Curmi kien ikkonferma illi ebda mpjegat ta’ l-EneMalta ma kellha access ghas-‘substation’.

Dit-tieni xhieda tieghu, Alan Chetchuti (a fol.112) xhed illi l-‘average consumption’ kienet ta’ 3665.8 ‘Units’.

L-imputat, Christopher Gauci kkonferma illi huwa ma kellux ebda access ghas-‘substation’ ta’ l-EneMalta fejn kien hemm il-meter tad-dawl tal-‘Price Club’, Swatar. Ikkonferma illi meta huma xtraw il-‘Price Club’, is-‘substation’ kienet diga’ propjeta’ ta’ l-‘EneMalta u li c-cwievet dejjem kienu ghand l-EneMalta u ghaldaqstant huma qatt ma kellhom pussess ta’ dan is-‘substation.’ Gauci kkonferma illi din l-investigazzjoni shiha kienet bdiet il-ghaliex meter tad-dawl tas-‘supermarket’, Rahal il-Gdid, kien intlaqat minn ‘trolley’ illi minn hemmhekk gew investigati l-meters tad-dawl ta’ kull ‘supermarket’. Gauci

kkonferma illi l-uniku meter fis-‘supermarkets’ taghhom li ma kienx qieghed go ‘substation’ kien propju dan tas-‘supermarket’, f’Rahal Gdid. (ara xhieda a fol.115 u 116). Gauci kkonferma li fis-sena 2000, l-‘average consumption’ kienet 3665.8 Units u li fit-2001 bdew jirregistraw 3189.6 Units u cioe xi five hundred (500) Units inqas. Illi f’Marzu tat-2001, bdew il-problemi finanzjarji u ghaldaqstant huma bdew inaqqsu x-xoghol u konsegwentement l-ammont ta’ apparat. Infatti f’Mejju tat-2001 il-hwienet ghalqu. L-imputat, Christopher Gauci, kkonferma illi meta huwa acceda fuq il-post meta ssejhet l-inkjesta, l-Pulizija stess kien qallu illi ma kien hemm ebda sinjali ta’ sgass fuq is-‘substation’.

L-imputat, Victor Zammit, (a fol.121) xhed illi huwa kien a Non-Executive Director u ma kellux x’jaqsam ma’ ebda operat tal-kumpanija. La jaf fejn kienu, wisq anqas babashom. Jaf illi kien hemm Manager f’kull ‘supermarket’ li kienu jattendu ghall-ispezzjonijiet mill-Ufficjali ta’ l-EneMalta. Innega illi huwa ta xi struzzjonijiet lil xi mpjegat sabiex ibabas xi meter tad-dawl.

Id-Difiza ezebit sentenzi Dok.A u Dok.B (a fol.125).

Ikkunsidrat:

Illi f’kawzi ta’ konsum illegali ta’ luce eletrika jew tbabis ta’ meter ta’ eletriku jew accessorji/apparat ta’ l-eletriku, l-Artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali jisposta l-oneru tal-prova li tista’ tigi newtralizzata b’xhieda ohra, kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-Difiza:

***“In the case of breaking of pipes of the public water services or of the gas service, or of the wires or cables of the electricity service, or of the meters thereof, or of any seal of any meter, or in the case of the existence of artificial means capable of effecting the unlawful use or consumption of water, gas or electric current, or capable of preventing or altering the measurement or registration on the meter of the quantity used or consumed, shall, until the contrary is proved, be taken as evidence of the***

***knowledge on the part of the person occupying or having the control of the tenement in which such breaking or artificial means are found, of the said use or consumption of water, gas or electric current, as the case may be."***

Fil-kaz in ezami din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni naqset bhala stat ta' fatt li tiprova illi kien hemm tbabis fis-sigilli tal-meter sabiex tiskatta l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 264(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad il-ghaliex is-'substation' li fiha kien imqieghed il-meter tad-dawl tal-'Price Club', Swatar, kienet propjeta' ta' l-EneMalta b'access esklussiv ta' l-impjegati ta' l-EneMalta. Il-Prosekuzzjoni naqset bl-iktar mod sgaccanti li tipprova li kien hemm xi evidenza ta' sgass fuq l-istess 'substation'.

Spettur Gatt ikkonferma illi huwa ma hax sehem attiv fl-investigazzjoni u li l-Ufficjal tal-Pulizija li rrediga r-rapport Dok.SG (a fol.27 sa 29) ma ghamel ebda kummenti fuq dan l-isgass.

L-Enginier John Tonna, flimkien ma' Mario Cassar, xhedu illi s-sigilli "ma kienux jihdru" li huma bhal dawk ta' l-EneMalta, izda dawn, semmai, huma esperti ex-parte. Illi l-Espert nominat mill-Magistrat inkwirenti, cioe Horace D'Anastasi, kkonferma illi hu ma kienx f'posizzjoni jiddifferenzja bejn sigill falz u sigill genwin. Din il-Qorti ma gietx komfortata b'ebda prova ta' sigil "genwin" ta' l-EneMalta u prova tal-varji sigilli importati f'varji zminijiet mill-istess EneMalta sabiex tkun f'posizzjoni li taghraf genwinita' minn falsita' ta' sigill tal-meter ta' l-eletriku.

Illi, in oltre', l-imputati, Christopher Gauci u Victor Zammit, taw ix-xhieda taghhom fejn innegaw, bl-aktar mod assolut, l-involviment taghhom fl-allegat serq.

Illi, di piu', din il-Qorti, wara li semghat lil Alan Chetchuti, taghraf illi l-Prosekuzzjoni harget stima ta' konsum ta' eletriku fuq perijodu ta' zmien fejn il-'Price Club' kellu l-hwienet maghluqin u cioe minn Mejju 2001 sa 23 ta' Novembru 2001, u li hadmu stima fuq 4,419 Units per

day, meta l-'average record of consumption' kienet ta' 3,665.8 Units per day.

Illi l-punt l-aktar krucjali ta' din il-kawza huwa l-mankanza totali ta' prova tal-Prosekuzzjoni li effettivament sar sgass fuq is-'substation' li fih kien jikkontjeni l-meters tal-'Price Club', Swatar.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputati, Wallace Fino, Victor Zammit u Christopher Gauci, mhux hatja skond l-akkuzi u ghalhekk tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------